



Vidjokonferenzjar bħala parti mill-Ġustizzja Elettronika Ewropea

MT



2009

**VIDJOKONFERENZJAR BĦALA
PARTI MILL-ĠUSTIZZA
ELETTRONIKA EWROPEA
L-ASPETTI ESSENZJALI
TAL-VIDJOKONFERENZJAR
FI PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI
TRANSKONFINI**

Il-Ktejjeb jippreżenta informazzjoni dwar possibiltajiet, kwistjonijiet tekniċi bażiċi u prattiki tajba f'vidjokonferenzjar transkonfini fi proċeduri legali. (Il-kontenut ta' dan il-ktejjeb huwa primarjament ibbażat fuq il-Gwida dwar *il-Vidjokonferenzjar fi proċeduri transkonfini.*)

JUSTITIA

Avviż

Il-kontenut ta' dan il-fuljett, li ġie mfassal mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, ma jimplikax l-istituzzjonijiet ta'l-Unjoni Ewropea u lanqas il-gvernijiet ta'l-Istati Membri.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġibok ikkuntattja s-servizz Informazzjoni għall-pubbliku ta' l-Unità tal-Komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali F fl-indirizz li ġej:

Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

Rue de la Loi 175

B-1048 Brussell

Fax +32 (0)2 281 49 77

Internet www.consilium.europa.eu/infopublic

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonalni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

ISBN 978-92-824-2506-0

doi:10.2860/36635

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

WERREJ

GħALIEX HEMM IL-VIDJOKONFERENZJAR FI PROċEDURI LEGALI?	5
IL-QAFAS GĦALL-VIDJOKONFERENZJAR	9
IL-VIDJOKONFERENZJAR ILLUM	13
XI PRATTIKI TAJBA	23
XENERAJI TIPIĊI TA' VIDJOKONFERENZJAR	27
VIDJOKONFERENZJAR TRANKONFINI - MISTOQSIJET U TWEGħIBIET	31
KATALOGU TA' INFORMAZZJONI UTLI	37



GħALIEX HEMM IL-VIDJOKONFERENZJAR FI PROċEDURI LEGALI?



Il-vidjokonferenzjar huwa strument essenzjali li għandu l-potenzjal li jiffaċilita u jaċċellera l-proċeduri transkonfini u jnaqqas l-ispejjeż involuti. Fil-kuntest tal-Ġustizzja Elettronika Ewropea, il-vidjokonferenzjar jista' jkun kunċett ġdid, iżda huwa wieħed li diġà jeżisti u li ntuża ħafna f'livell nazzjonali, u li għad jista' jkun żviluppat aktar f'livell Ewropew u bħala parti integrali mill-portal tal-Ġustizzja Elettronika Ewropea.

L-għan ta' dan il-ktejjeb huwa li:

- jippromwovi u jistimola l-użu ta' sistemi ta' vidjokonferenzjar fi proċeduri legali transkonfini kif ukoll nazzjonali;
- juri l-possibiltajiet u d-dettalji tekniċi bażiċi tal-vidjokonferenzjr u kif dan jista' jintuża fi proċeduri legali;
- jiddissemina informazzjoni dwar prattiki tajba u esperjenzi fl-Istati Membri tal-UE fejn il-vidjokonferenzjar diġà jkun ġie implementat;
- iqassam l-informazzjoni disponibbli dwar il-vidjokonferenzjar fl-UE; kif ukoll
- jinkoraġġixxi lill-imħallfin, il-prosekuturi, l-avukat, il-professjonisti legali l-oħra u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jikkunsidraw l-implementazzjoni u l-użu ta' sistemi ta' vidjokonferenzjar fi proċeduri nazzjonali u transkonfini.

Vidjokonferenza (magħrufa wkoll bħala vidjotekkonferenza) hija sett ta' teknoloġiji interettivi tattelekomunikazzjoni li jippermettu żewġ imkejjen jew aktar biex jinteraġixxu simultanjament permezz ta' trasmissionijiet vidjo u awdjo bidirezzjonali¹.

1) Definizzjoni: <http://en.wikipedia.org/wiki/Videoconferencing>.

Dan il-ktejjeb ikopri l-użu ta' vidjokonferenzjar fi proċeduri legali, primarjament fil-qrati bl-użu ta' faċilità separata (eż. kamra għax-xhieda) jew metodu ieħor (tagħmir mobbli jew portabbi jew studjo).

Il-pjan ta' azzjoni dwar l-Ġustizzja Elettronika Ewropea approvat mill-Kunsill f'Novembru 2008² jiddikjara li s-simplifikazzjoni u l-inkoraġġiment tal-komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-Istati Membri huma ta' importanza partikolari (eż. vidjokonferenzjar jew netwerks elettroniċi sikuri). Il-pjan ta' azzjoni dwar il-Ġustuzzja Elettronika Ewropea jelenka t-“Titjib tal-użu tat-teknoloġiji tal-vidjokonferenza” bħala wieħed mill-proġetti li dwaru għandha titkompla l-ħidma fl-2009-2013.

2) ĠU C 75, 31.3.2009, p.1.



IL-QAFAS GĦALL- VIDJOKONFERENZJAR



Bażi legali

Jista' jsir użu aktar tal-possibbiltajiet taħt il-leġislazzjoni Komunitarja eżistenti, b'mod partikolari t-tmexxija tas-smigħ tax-xhieda, tal-eserti u tal-vittmi permezz ta' vidjokonferenzjar, skont l-istumenti legali bħal:

Il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea³ (Konvenzjoni tad-29 ta' Mejju 2000, il-Konvenzjoni tal-2000 dwar l-Assistenza Legali Reċiproka (MLA), Artikolu 10).

Ir-Regolament tal-Kunsill dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001, Artikolu 10(4) u Artikolu 17(4)⁴.

Id-Direttiva tal-Kunsill li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti (2004/80/KE tad-29 ta' April 2004, Artikolu 9(1))⁵.

Ir-Regolament (KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar (Nru 861/2007 tal-11 ta' Lulju 2007, Artikoli 8 u 9 (1))⁶.

Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill dwar id-drittijiet tal-vittmi fil-proċeduri kriminali (2001/220/ĠAI tal-15 ta' Marzu 2001, Artikolu 11(1))⁷.

Għall-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE l-biċċa l-kbira ta' dawn l-strumenti digġà huma applikabbi.

3) ĠU C 197, 12.7.2000, p. 24.

4) ĠU L 174, 27.6.2001, p. 1.

5) ĠU L 261, 6.8.2004, p. 15.

6) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 1.

7) ĠU L 82, 22.3.2001, p. 1.



© Fotolia



IL-VIDJOKONFERENZJAR ILLUM



© Wikimedia



© Kunsill ta' l-Unjoni Europea

Attwalment diġà hemm xi informazzjoni disponibbli dwar l-użu tal-vidjokonferenzjar transkonfini fi proċeduri kriminali jew ċivili u kummerċjali. Huwa evidenti li l-vidjokonferenzjar jista' jkun strument utli f'dawn il-proċeduri.

Il-kumpilazzjoni tax-xhieda huwa l-aktar użu importanti tal-vidjokonferenzjar fi proċeduri transkonfini. Il-vidjokonferenzjar wera ruħu pratiku speċjalment f'każijiet li jinvolvu s-smigħ ta' xhieda vulnerabbi jew intimidati. Barra minn hekk, is-smigħ ta' esperti (eż. ta' esperti forensiċi u mediċi) li twettaq permezz ta' vidjokonferen-

zjar żgura użu aktar effettiv ta' riżorsi. Għal għadd ta' paxji, il-vidjokonferenzjar wera wkoll li huwa opzjoni prattika għal proċeduri amministrattivi.

Informazzjoni fil-qasir dwar kisbiet preżenti fl-UE

Fil-livell tal-UE hemm diversi inizjattivi li jkopru l-użu tal-vidjokonferenzjar fi proċeduri legali.

Il-websajt tan-Netwerk ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali⁸ fiha informazzjoni dwar il-vidjokonferenzjar f'oqsma ċivili għal biċċa l-kbira tal-Istati Membri, fit-taqсимa "Kumpilazzjoni tax-xhieda u mezz ta' evidenza", fil-punt 7.

In-Netwerk ġudizzjarju Ewropew fil-materji kriminali⁹ jipprovdi servizz speċjali msejjaħ Atlas, li jgħin lill-utenti potenzjali tal-vidjokonferenzjar biex jiċċekkjaw id-disponibbiltà tat-tagħmir fil-qorti l-oħra.

L-Eurojust¹⁰ ila tuża' b'suċċess it-teknoloġija tal-vidjokonferenzjar f'bosta investigazzjonijiet transkonfini għal dawn l-aħħar sentejn.


8) http://ec.europa.eu/civiljustice/index_en.htm

9) <http://www.ejn-crimjust.europa.eu/>

10) <http://www.eurojust.europa.eu/>

Vidjokonferenzjar prattiku¹¹

Fil-kapitoli li ġejjin aħna nixtiequ nispjegaw ċerti dettalji prattiċi tal-vidjokonferenzjar transkonfini minn perspettiva organizzattiva.



11) Għal aktar informazzjoni dettaljata ara l-Gwida dwar il-Vidjokonferenzjar fi proċeduri transkonfini.

Rikjestha għal vidjokonferenzjar

F'materji kemm ċivili kemm kriminali, ir-rikiesta issir b'użu ta' formola standard. Il-formoli huma disponibbli fuq il-websajts tan-netwerks ġudizzjarji Ewropej¹².

It-tweġiba għar-rikuesta ssir bl-użu ta' formola standard oħra. F'materji ċivili, fil-każ ta' rikuesta għal kumpilazzjoni indiretta ta' xhieda skont l-Artikoli 10-12 tar-Regolament tal-2001 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda, il-qorti kompetenti rikuesta trid tirrikonoxxi li rċevietha fi żmien sebat ijiem. Fil-każ ta' rikuesta għal kumpilazzjoni diretta ta' xhieda (Artikolu 17) il-korp ċentrali jew l-awtorità kompetenti għandha tinforma lil qorti rikjedenti jekk ir-rikuesta tistax tkun aċċettata fi żmien tletin jum. F'materji kriminali, l-Istat Membru rikjest għandu jaqbel mas-smiġħ b'vidjokonferenza kemm-il darba l-użu tal-vidjokonferenza ma jkunx kontrarju għall-prinċipji fundamentali tal-liġi tiegħu u bil-kondizzjoni li huwa jkollu l-meżżi tekniċi biex iwettaq is-smiġħ.

Stabbiliment ta' vidjokonferenzjar

Meta tkun aċċettata r-rikuesta, jistgħu jibdew it-tħejjijet prattiċi. Fi proċeduri ċivili u kummerċjali transkonfini, hekk kif il-qorti rikjedenti u l-qorti rikuesta jaqblu dwar rikuesta skont l-Artikoli 10 sa 12 tar-Regolament tal-2001 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda, il-qorti rikuesta tagħmel kuntatt max-xhud biex issib post u data konvenjenti għas-saġġi. Meta r-rikjesti għal kumpilazzjoni diretta ta' xhieda skont l-Artikolu 17 ikunu aċċettati mill-korp ċentrali jew awtorità kompetenti

12) Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali
http://ec.europa.eu/civiljustice/index_en.htm
(Kumpilazzjoni ta' xhieda u mezz ta' evidenza)
Netwerk Ġudizzjarju Ewropew f'materji kriminali
<http://www.ejn-crimjust.europa.eu/>
(Assistenza Legali Reċiproka)

oħra tal-Istat Membru rikjest, il-qorti rikjedenti tin-notifika lix-xhud dwar id-data, il-ħin, il-post fejn tkun ser issir il-kumpilazzjoni tax-xhieda u l-kondizzjonijiet għall-partċipazzjoni. F'materji kriminali, l-awtorità ġudizzjarja tal-Istat Membru rikjest joħroġ ċitazzjoni kontra l-persuna biex tidher skont il-liġi tiegħu. Il-metodu ta' kif il-persuna tidher f'qorti huwa rregolat bil-leġislazzjoni nazzjonali.

Smigħ permezz ta' vidjokonferenzjar

L-objettiv huwa li s-sessjoni ta' vidjokonferenzjar issir kemm jista' jkun possibbli qrib għall-prattika tas-soltu fi kwalunkwe qorti fejn il-kumpilazzjoni tax-xhieda ssir f'qorti miftuħa. Sabiex jittieħed l-akbar beneficiju, għandu jittieħed kont tad-diversi differenzi. Xi materji, li huma kkunsidrati ovvji meta l-kumpilazzjoni tax-xhieda ssir b'mod konvenzjonal, jieħdu dimensjoni differenti meta din tittieħed bil-vidjokonferenzjar: pereżempju, li jkun żgurat li x-xhud jifhem l-arranġamenti prattiċi għas-sessjoni tal-vidjokonferenzjar, u li jkun jaf min huma l-partijiet għall-vidjokonferenzjar, u l-irwoli diversi tagħhom.

Id-differenzi fiż-żoni tal-ħin għandhom ikunu kkunsidrati meta xhud barra mill-pajjiż ikun ser jiġi eżaminat bil-vidjokonferenzjar. Il-konvenjenza tax-xhud, tal-partijiet, tar-rappreżentanti tagħhom u tal-qorti kollha għandhom ikunu kkunsidrati.

Dawk involuti fis-sessjoni ta' vidjokonferenzjar jeħtieġ li jkunu konxji li, anke bl-aktar sistemi avvanzati disponibbli bħalissa, ikun hemm xi dewmien bejn meta tidher l-istampa u meta jasal il-ħoss li jakkumpanjaha. Jekk dan ma jitteħidx inkonsiderazzjoni, ikun hemm it-tendenza li jsir “diskors sovrāpost” fuq dak tax-xhud, li l-vuċi tiegħu tista’ tkompli tinstema’ għal parti ta’ sekonda wara li huwa jew hija jidhru fuq l-iskrin li jkunu spiċċaw jitkellmu.

L-eżami tax-xhud fis-sit remot għandu jsegwi kemm jista' jkun possibbli mill-qrib il-prattika adottata meta xhud ikun f'awla tal-qorti. Matul l-eżami, ix-xhud għandu jkun jista' jara lir-rappreżtant legali jistaqsi l-mistoqsija u wkoll lil kwalunkwe persuna oħra (kemm jekk rappreżtant legali ieħor jew jekk l-imħallef) jagħmel kwalunkwe dikjarazzjoni fir-rigward tal-evidenza tax-xhud.

Għal xhieda vulnerable u intimidati l-vidjokonferen-zjar jista' jitqies bħala mezz biex jitnaqqsu t-tensiġi u l-iskonfort li jistgħu jkunu kkawżati mill-vjaġġ lejn qorti barranija li jista' jkun ta' sfrattu. Biex tingħata evidenza lil kwalunkwe qorti barranija, kamra separa-tax-xhieda tista' tkun aktar prattika mill-awla tal-qorti.

Id-disponibbiltà tax-xhieda esperti ġiet identifikata bħala waħda mill-kawżi ta' dewmien f'kawżi ċivili (eż. esperti mediċi jew psikoloġisti f'kawżi dwar kustodju ta' tfal jew kura tat-tfal) u f'kawżi kriminali (eż. esperti forensiċi jew tal-informatika). L-użu ta' tagħmir għall-vidjokonferenzjar ser jiprovvdi lill-qrati flessibbiltà akbar rigward meta u kif xhieda esperti minn Stati Membri oħrajn huma meħtieġa jagħtu evidenza. Meta jinstemgħu xhieda esperti, huwa rakkoman-dabbli li l-expert ikun ikkuntattjat qabel is-smigħ, sabiex jiġi vverifikat x'tip ta' tagħmir tekniku jista' jkun meħtieġ matul is-smigħ (eż. kamera għad-dokumenti, tagħmir awdjo jew vidjo, eċċ.).

Rigward l-użu ta' interpreti, għandha tingħata attenzjoni wkoll għal jekk l-interpretu għandux ikun fis-sit lokali tal-qorti rikjedenti jew fis-sit remot (jew f'xi lok terz).

F'vidjokonferenzjar transkonfini l-interpretazzjoni konsekuttiva hija dik l-aktar komunement użata. L-użu ta' interpretazzjoni simultanja huwa aktar impenjattiv, għaliex din tirrikjedi l-użu ta' kabini għall-interpreti, l-użu ta' earphones mill-parteċipanti u kontroll preċiż tal-mikrofoni. Jeħtieġ ikun enfasiz-zat li l-interpretu għandu bżonn kuntatt viżwali mal-persuna li diskorsu jkun qed jiġi interpretat.

Dokumenti addizzjonali huma xi drabi introdotti pjuttost b'mod adatt matul l-evidenza tax-xhud. Biex dan isir ikun utli li tintuża kamera għad-dokumenti. Madankollu, kamera għad-dokumenti mhix utli meta l-klijent u l-avukat jiddiskutu dokumenti ppreżentati fil-privat. Għalhekk, jista' jkun aktar faċili li tintuża kopja ffaksjata tad-dokument. Għall-użu flessibbli tat-tagħmir tal-faks, huwa kunsiljabbl li l-awtorità rikjedenti u l-awtorità rikjestha jiskambjaw informazzjoni preċiża u aġġornata dwar numri tal-faks qabel il-bidu tal-vidjokonferenza.

Għall-perijodu fit-tul, il-vidjokonferenzjar jista' jkun issupplimentat b'repożitorji jew servers kondiviżi ta' dokumenti. Dawn il-kapaċitajiet qed dejjem jintużaw aktar għall-kondiżjoni ta' informazzjoni, iżda fil-kuntest tal-ġustizzja jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni biex ikun żgurat li kwalunkwe repożitorju bħal dan ikun sigur u aċċessibbli biss mill-partijiet awtorizzati konnessi mal-kawża.

Aspetti tekniċi tal-vidjokonferenzjar

It-tagħmir għall-vidjokonferenzjar huwa llum l-ġurnata flessibbli ħafna u ħafif biex jitħaddem. Madankollu, il-komponenti kollha tat-tagħmir għandhom kemm

jista' jkun possibbli jkunu standardizzati abbażi tal-istess kategoriji ta' tagħmir u l-istess konfigurazzjoni. Biex ikun iffaċilitat l-użu tat-tagħmir, għandu jsir tentattiv biex ikun żgurat li t-tagħmir jiġi ppożizzjonat bl-istess mod f'kull tip ta' kamra. It-tagħmir għall-vidjokonferenzjar, kemm jekk żviluppat apposta jew jekk parti minn pakkett, għandu jilħaq l-standards industrijali minimi biex tkun iffaċilitata l-interoperabilità f'konnessjonijiet transkonfini. Standards tekniċi individwali huma diskussi fid-dettall fil-Gwida dwar il-Vidjokonferenzjar fi proċeduri transkonfini.

- *Pożizzjonament ta' tagħmir:* Jeħtieġ li t-tagħmir (speċjalment il-kameras u l-mikrofoni) ikun ippożizzjonat b'mod li jkun jeħtieġ li jsiru biss aġġustamenti minimi lill-orientazzjoni reċiproka eżistenti tal-parteċipanti fil-qrat. It-tagħmir għandu jkun ippożizzjonat b'tali mod li l-kawżi jkunu jistgħu jiġu ttrattati wkoll mingħajr vidjokonferenzjar fl-awla tal-qorti rilevanti.
- *Intelliġibbiltà:* id-diskors għandu dejjem ikun intelliġibbli faċilment. L-ebda kelma m'għandha tintilef matul il-vidjokonferenzjar. Il-kwalità tal-ħoss għandha tkun kontinwa, u m'għandu jkun hemm l-ebda interferenza jew ħsejjes ta' tfaqqiqi estranji. Għandhom jintlaħqu ċerti ħtiġiet fir-rigward tas-sinkroniċità tax-xufftejn (dewmien ta' inqas minn 0,15 ta' sekonda). Barra dan, il-kanċellazzjoni ta' eku u l-ħsejjes fl-isfond u r-reverberazzjoni għandhom jitna-qqsu kemm jista' jkun.
- *Il-mikrofoni* għandhom ikunu ppożizzjonati b'mod li l-ħoss fl-awla l-oħra tal-qorti ma jkollu l-ebda distorsjoni kkawżata minn ħsejjes fl-isfond.

Jekk tintuża l-interpretazzjoni, f'mument wieħed m'għandux ikun hemm aktar minn mikrofonu wieħed mixgħul. L-użu simultanju ta' mikrofoni jirriżulta f'distorsjonijiet fl-interpretazzjoni (speċjalment f'interpretazzjoni simultanja).

Tagħmir mobbli - żieda fil-flessibbiltà

Settijiet addizzjonali ta' tagħmir mobbli (skrin + kamera + spiker + mikrofonu + aċċessorji) jistgħu jiffaċiltaw l-użu tal-vidjokonferenzjar fis-smiġħ ta' xhieda. It-tagħmir mobbli huwa ħafif biex jitmexxa bejn imkejjen differenti u flessibbli f'termini tal-użu tiegħu. Huwa mistenni li jkunu japplikaw aktar limitazzjonijiet għal tagħmir mobbli milli għal tagħmir fiss (eż. rigward l-għadd ta' parteċipanti li jistgħu jiġu ffilmjati b'mod ċar fl-istess ħin). It-tagħmir mobbli jista' jintuża fejn meħtieġ biex jinstemgħu xhieda fi mkejjen speċjali bħal ħabsijiet jew sptarijiet, kif ukoll fil-każ li jieqaf jaħdem it-tagħmir, bħala suppliment temporanju għal tagħmir fiss.

Konnessjoni - l-operat tas-sistema ta' vidjokonferenzjar

L-operat tas-sistema ta' vidjokonferenzjar għandu jkun faċli kemm jista' jkun biex jintuża (jiġifieri sempliċi), u għandu għalhekk jikkonsisti biss f'għadd limitat ta' manuvri, eż.: ix-xegħil u t-tifi ta' kameras u mikrofoni, l-istabbiliment ta' konnessjoni permezz ta' menu għall-għażla, l-istabbiliment tas-setup permezz ta' menu għall-applikazzjonijiet, it-terminazzjoni tal-konnessjoni u l-login/logout. Normalment il-konnessjoni tkun stabbilita bejn żewġ imkejjen (punt-għal-punt). F'xi każijiet jista' jkun meħtieġ li tiġi stabbilita konnessjoni bejn aktar minn żewġ imkejjen simultanjament (punti multipli). Il-kollegamenti jistgħu jiġi stabbiliti permezz ta' pont terz.



XI PRATTIKI TAJBA



Ħolqien ta' sistema ta' prenotazzjoni għall-vidjokonferenzjar - Awstria

L-Awstrijha ġolqot sistema ċentralizzata ta' prenotazzjoni għall-qrati nazzjonali għal vidjokonferenzjar. Is-sistema hija disponibbli għall-qrati nazzjonali kollha u huwa possibbli li jsiru prenotazzjonijiet diretti għall-awli tal-qrati b'tagħmir għall-vidjkonferenzjar.

Vidjokonferenzjar flessibbli - Finlandja

Il-Finlandja bdiet tinstalla tipi differenti ta' tagħmir għall-vidjokonferenzjar għal għanijiet differenti. Għas-sessjonijiet tal-qrati, hemm sett komplet, b'kameras u skrins bi kwalità ta' stampa b'definizzjoni għolja HD. Għal smiġħ preliminary, hemm sett separet għall-kmamar tal-laqgħat. Għal smiġħ ta' xhieda hemm sett bażiku b'terminal, kamera u mikrofonu. Għal użu mobbli, eż. f'ċentri soċċali, sptarijiet, ċentri tal-asil eċċi. Is-soluzzjoni portabbli hija disponobbli, inkluż laptop b'softwer u kamera.

Assistenza għal xhieda vulnerabbi - Renju Unit

Fir-Renju Unit, ġew installati kollegamenti permezz tal-vidjokonferenzjar ma' kmamar remoti għax-xhieda f'għadd żgħir ta' Uffiċċċi ta' Appoġġ għall-Vittmi u bini tal-pulizija bħala parti minn trasferimenti nazzjonali ffinanzjati fil-livell ċentrali.

L-użu ta' interpretazzjoni f'vidjokonferenzjar - Ġermanja

Xi drabi ddaħlet faċilità ta' interpretazzjoni simultanja fit-tagħmir għall-vidjokonferenzjar, sabiex l-interpretu jkun jista' jintuża fi proċeduri fejn għadd ta' konvenuti jitkellmu lingwa barranija. Fi proċeduri amministrattivi tal-qorti, l-interpreti ġew ukoll involuti permezz ta' kollegament ta' vidjokonferenzjar sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż.

Aċċellerazzjoni tal-proċess - Renju Unit


Il-Qorti Virtwali, bħala kollegament bil-vidjo bejn qorti u għasssa tal-pulizija, għamlitha possibbli li l-ewwel smiġħ jiġi ttrattat fi żmien 2-3 sigħat mill-imputazzjoni f'kawżi semplicej u għandha l-potenzjal li tippermetti għadd sinifikattiv tal-ewwel smiġħ fl-istess jum. Il-ħeffa tal-proċess uriet li hi ta' utilità f'kawżi li jinvolvu vjolenza domestika u ġafna vittmi u xhieda huma mistennija li jirċievu servizz aktar favorevoli.

Aktar prattiki tajba

Ser jingħabru b'mod kostanti prattiki tajba u stejjer ta' suċċess dwar l-implimentazzjoni u l-użu ta' sistemi ta' vidjokonferenzjar fi proċeduri legali u dawn ser ikunu ppreżentati f'reviżjonijiet futuri tal-ktejjeb u fil-Gwida dwar *il-Vidjokonferenzjar fi proċeduri transkonfini* għal użu mill-qrati u l-prattikanti.



XENERAJI TIPIĊI TA' VIDJOKONFERENZJAR



© Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea

Smigħ ta' xhieda

Anne rat att kriminali jsir u tħarrket minn qorti biex tidher bħala xhud f'kawża kontra l-persuna ssuspettata.

Għalkemm Anne ma ġietx affettwata direttament mill-inċiġd, hija ġiet ittrawmatizzata severement mill-avveniment u bħalissa qed tiġi ttrattata fi sptar psikjatriku. It-tabib tagħha ta parir biex Anne ma tkunx soġġetta għad-diffikultajiet tal-ivvjaġġar, u oppona bil-qawwa s-suġġeriment li Anna tiġġiegħel tidher quddiem il-qorti, speċjalment fil-preżenza tal-konvenut.

Minħabba li l-isptar psikjatriku diġà għandu stabbilisti faċilitajiet ta' vidjokonferenzjar, il-qorti qablet li tistabbilixxi sessjoni ta' vidjkonferenzjar u appuntat maġistrat biex ikun preżenti fuq il-post. B'dan il-mod is-smigħ ta' Anne jkun jista' jitmexxa f'ambjent favorevoli u hi ma jkollhiex għalfejn tivvjaġġa.

Il-konnessjoni diretta awdjobiżiva mill-qorti fejn qed isiru il-proċeduri għall-faċilità remota fejn ix-xhud hija lokalizzata ssir biss għad-durata tat-testimonjanza ta' Anne, u billi l-faċilitajiet diġà huma stabbilisti fiż-żewġ imkejjen l-ispiża ġenerali għandha tkun limitata għal minimu.

Smigħ ta' esperti

Dr Abraham Knowall huwa espert fil-ġenetika li tħarrek biex jagħti t-testimonjanza esperta tiegħu dwar l-evidenza f'żewġ kawżi kriminali. Il-problema hi, iżda, li Dr Knowall jgħix f'Dublin, l-Irlanda, u huwa mistenni jidher f'qorti f'Berlin, il-Ġermanja, u f'qorti f'Ljubljana, is-Slovenja. Il-kwistjoni tikkomplika ruħha aktar minħabba li l-aktar ħin adatt għaż-żewġ kawżi ser ikun fl-istess jum - it-testimonjanza f'Berlin hija ppjanata għal kmieni filgħodu, u t-testimonjanza f'Ljubljana hija ppjanata għal nofsinhar fl-istess jum.

Bis-saħħha tal-vidjokonferenzjar Dr Knowall jista' jkun fi tliet postijiet differenti fl-istess ħin, iżda jeħtieġlu jivvjaġġa lejn iċ-ċentru ta' Dublin minħabba li l-qorti hija biss ftit kilometri 'l bogħod minn daru.

Fid-8:45 preċiż Dr. Knowall jidher fil-qorti ta' Dublin fejn jiġi eskortat sal-kamra tal-vidjkonferenzjar, fejn jiltaqa' mal-maġistrat lokali. Fid-9:00 tiġi stabbilita

konnessjoni ta' vidjokonferenzjar mal-qorti f'Berlin u wara introduzzjoni qasira mill-imħallef Ġermaniż, Dr Knowall jissejjaħ bħala l-ewwel xhud tal-jum.

Dr Knowall jissejjaħ bħala l-ewwel xhud tal-jum. Għal xi l-10:00, is-smigħ, li kien segwit minn kontroeżami minn żewġ konsulenti legali, jintemm, u s-sessjoni ta' vidjokonferenzjar tista' tispiċċa.

L-ikla ta' nofsinhar għal Dr Knowall u l-maġistrat Irlandiż issa tista' tkun bikrija. Għal xi l-11:45 kemm Dr Knowall kemm il-maġistrat irritornaw lejn il-qorti ta' Dublin u sessjoni ta' vidjokonferenzjar issa tista' tiġi stabbiliti mal-qorti ta' Ljubljana fejn Dr Knowall huwa mistenni li jagħti testimonjanza esperta oħra f'kawża kriminali.

Matul il-kontroeżami fil-qorti ta' Ljubljana l-konsulenti legali għall-konvenut jippreżenta dokument bħala evidenza li ma jkunx ġie ppreżentata qabel lil Dr Knowall, u li ma jkunx disponibbli f'Dublin.

Wara s-smigħ Dr Knowall jista' jirritorna fil-laboratorju tiegħu u jerġa jibda xogħlu, billi bis-saħħha tal-vidjokonferenzjar huwa ma kellux għalfejn jivvjaġġa minn Dublin għal Berlin u minn hemm għal Ljubljana u lura għal Dublin li kien jeħodlu diversi jiem - sempliċiment biex iqatta' siegħa f'qorti f'Berlin u siegħa oħra f'qorti f'Ljubljana.



VIDJOKONFERENZJAR TRANKONFINI - MISTOQSIJET U TWEĠIBIET



© Fotolia

- 1) *Jista' l-vidjokonferenzjar jintuża bejn l-Istati Membri kollha tal-UE?*

Iva, fil-prattika l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE implementaw l-istumenti legali fi proċeduri ċivili u kriminali.

- 2) *ista' l-vidjokonferenzjar jintuża ma' qrati barra l-Unjoni Ewropea?*

Iva, jekk dan ikun legalment possibbli, jekk il-qrati jaqblu u jkollhom it-tagħmir neċessarju.

- 3) *Il-vidjokonferenzjar huwa offerta li l-qorti tiegħek ma tistax tiċħad?*

Iva, l-Istat Membru rikjest ikollu jaqbel mal-vidjokonferenzjar kemm-il darba s-smigħ ma jkunx kontrarju għall-prinċipji fundamentali tal-liġi tiegħu u kemm-il darba jkollu l-kapaċità teknika biex iwettaq is-smigħ.

- 4) *Min ikopri l-ispejjeż tal-vidjokonferenzjar?*

Normalment l-ispejjeż tal-esperti, l-interpreti u l-ispejjeż tal-linji ta' komunikazzjoni jisgtgħu jkunu rimborżati mill-Istat Membru rikjedent lill-Istati Membru rikjest.

- 5) *Hemm regoli dwar fejn l-interpretu għandu jkun lokalizzat (lokali jew remot)?*

Le, iżda f'kawżi kriminali huwa rakkoman-dabbli li l-interpretu jkun fl-istess awla tal-qorti fejn ikun ix-xhud. B'mod partikolari, meta persuni akkużati jinstemgħu b'vidjokonferenzjar, huwa rakkomondabbli li l-interpretu jkun fl-istess awla tal-qorti fejn tkun il-persuna akkużata.

- 6) *Ir-rikjesta għal vidjokonferenzjar tista' ssir bit-telefon?*

Le, ir-rikjesta dwar il-kumpilazzjoni tax-xhieda ssir bl-użu ta' formoli standard. Ir-rikjesta tista' tintbagħha bil-posta, bil-faks (I-Istati Membri kollha) jew bil-posta elettronika (mhux I-Istati Membri kollha).

- 7) *Jista' x-xhud jitkellem bil-lingwa nattiva tiegħu/tagħha?*

Iva, jekk huwa jixtieq/hija tixtieq. Jekk meħtieġ, jista' jkun hemm interpresti preżenti.

- 8) *Min huwa l-persuna responsabbli fis-smigħ permezz ta' vidjokonferenza?*

Fi proċeduri ċivili, huwa l-imħallef tal-qorti rikjesta (bl-eċċeżżjoni tal-kumpilazzjoni diretta tax-xhieda, fejn huwa l-imħallef tal-qorti rikjedenti). F'kawżi kriminali, huwa l-imħallef jew il-prosekurut tal-qorti rikjedenti.

- 9) *Huwa possibbli li jintwerew dokumenti fil-forma ta' karta matul is-smigħ permezz ta' vidjokonferenza?*

Iva, jekk ikunu qed jintużaw kameras għad-dokumenti. Jekk dawn ma jkun ux disponibili, dejjem huwa possibbli li jintuża l-faks għall-iskambju ta' dokumenti fil-forma ta' karta. Fil-ġejjieni, l-użu aktar avvanzat ta' servers ta' dokumenti ser ikun aktar komuni.

- 10) *Huwa possibbli li jkun hemm smigħ permezz ta' vidjokonferenza x'imkien ieħor mill-awli tal-qrati?*

Iva, pereżempju jekk ix-xhud jinsab il-ħabs, fi sptar, jew fil-kustodja tal-pulizija jew jekk l-unika tagħmir għall- vidjokonferenzjar ta' pajjiż ikun f'missjoni diplomatika.

- 11) *Huwa neċessarju li jinxxtara tagħmir għal vidjokonferenzjar transkonfini bejn il-qrati?*

Le, it-tagħmir jista' jitraqa għas-smigħ, jekk il-qrati rikjedenti u rikjesti jaqblu. It-tagħmir għall-vidjokonferenzjar ta' isti-tuzzjonijiet oħra jista' jintuża wkoll.

- 12) *Għandek bżonn ta' inġinier biex iħaddem it-tagħmir?*

Le, it-tagħmir jista' jintuża mill-iskrivani tal-qorti u l-imħallfin, għaliex normalment ikun hemm touch screen li jista' jintuża b'mod faċli, kameras li jkollhom pożizzjonijiet pre-definiti eċċ.

- 13) *Huwa neċessarju li s-smigħ permezz tal-vidjokonferenza jkun irrekordjat?*

Normalment in-neċessità li jkun irrekordjat is-smigħ (awdjo jew vidjo jew it-tnejn) hija bbażata fuq il-liġi nazzjonali (kodiċijiet ta' proċedura ġudizzjarja eċċ.)

- 14) *Tista' l-identità ta' xhieda vulnerabbli jew intimidati tkun protetta?*

Iva, pereżempju il-konnessjoni bil-vidjo tista' titwaqqaf għal ftit tal-ħin jew jista' jkun hemm pertiera jew miżuri oħra jnien biex jinħeba l-wiċċ tax-xhud.

- 15) *X'inhuma r-riskji ta' sigurtà fil-vidjokonferenzjar?*

Jiddependi mill-istabbiliment tal-infrastruttura tal-qorti jew istituzzjoni oħra involuti fil-vidjokonferenzjar. Jekk il-vidjokonferenzjar ikun ristrett għal ċerti utenti, b'użu ta' linji ISDN jew indirizzi IP bil-firewall, b'awtentikazzjoni tal-konnessjoni lejn in-naħħa l-oħra, il-proċess ta' vidjokonferenzjar ikun suffiċjentement ikkontrollat u sigur.

- 16) *Hemm xi alternattiva raġonevoli għall-vidjokonferenzjar li hi ambjentalment favorevoli?*

Le, sfortunatament ma hemmx.



KATALOGU

TA' INFORMAZZJONI UTLI



© Fotolia

Informazzjoni disponibbli dwar il-vidjokonferenzjar transkonfini;

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fl-oqsma ċivili u kummerċjali:

http://ec.europa.eu/civiljustice/index_mt.htm
(Kollegamenti taħt il-Kumpilazzjoni tax-xhieda u mezz ta' evidenza)

Netwerk Ġudizzjarju Ewropew:

<http://www.ejn-crimjust.europa.eu/>
(Kollegamenti taħt Mutual Legal Assistance)

Studie zum Stand des Einsatzes von Informations- und Kommunikationstechnologien (IuK) in der Justiz der EU-Mitgliedstaaten. Rapport minn Euro- päische EDV-Akademie des Rechts gGmbH - Akademja Ewropea tal- Ġustizzja Elettronika, Mejju 2007. Disponibbli minn info@eear.eu

Studji fil-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali: http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

Studju dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali: http://ec.europa.eu/justice_home/doc_centre/civil/studies/doc_civil_studies_en.htm

Videoconferencing in Criminal Proceedings: Legal and Empirical Issues and Directions for Research (Artikolu ta' Molly Treadway Johnson u Elizabeth C. Wiggins, f'LAW & POLICY, Vol. 28, Nru. 2, April 2006).

Kunsill ta'l-Unjoni Ewropea

**VIDJOKONFERENZJAR BĦALA PARTI MILL-ĠUSTIZZA
ELETTRONIKA EWROPEA**

**L-ASPETTI ESSENZJALI TAL-VIDJOKONFERENZJAR
FI PROĊEDURI ĠUDIZZJARJI TRANSKONFINI**

2009 — 38 pp. — 10 x 21 cm

ISBN 978-92-824-2506-0

doi:10.2860/36635

QC-78-09-986-MT-C

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ.

Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet.

Tista' takkwista

d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

QC-78-09-986-MT-C



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-824-2506-0



9 789282 425060

DGF Communication/Publications